# RUĦ IL-POETA

*Ta'* Dun Frans Camilleri

'Il fuq 'il fuq tittajjar
biex tilħaq is-smewwiet;
hemm l-ajkla ddur fil-wisa'
bejn kwiekeb u sħabiet.

Ferħana ttir, tiġġerra
bil-ġwienaħ miftuħin,
imkabbra daqs sultana,
xħin tilmaħ 'il-bnedmin.

'Ma fl-aħħar tegħja, u tinżel
fuq l-art mnejn tkun għoliet
u tmur tistrieħ fil-ħemda,
fil-kenna tal-bejtiet.

Mhux hekk ruħ il-poeta:
minn qalbu fejn irid
jimraħ u jsib madwaru
kull seħer u tiġdid.

Mal-ward idur bħan-naħal
u jarda' l-ġmiel; fis-skiet
l-ilwien moħbija jfittex,
joħlom l-egħġubijiet.

Is-siġar ħbiebu u x-xmajjar,
il-ġilji tal-widien,
l-għoljiet, is-sħab u l-ibħra,
l-għasafar kollha lwien.

Din biss ta' qalbu r-regħba:
id-deh'b fir-ramliet sbieħ,
fi nżul ix-xemx imraxxax,
fil-qamħ jogħxa fir-riħ;

djamanti sbieħ tal-kwiekeb,
gawhar tal-ġiżimin,
fided li jarmi l-qamar
fl-għadajjar imsaħħrin.

Iħobb il-melodiji
  ta' xi għasfur għannej,
  u r-ritmu mqabbeż, mgħaġġel
  tal-mewġ li dejjem ġej.

Is-saltna tiegħu kbira:
  imm' huwa kullimkien
  imur fis-skiet u jgħanni
  f'kull moħba tal-ħolqien.

Jagħraf il-qlub: u jibki
  ma' min imut fl-uġigħ.
  Jagħder u jħobb u jaħfer
  lil min l-imrar jisqih.

'Il fuq mis-sħab jittajjar
  fil-qalba tas-smewwiet:
  hemm jilmaħ kobor Alla
  w eluf t'egħġubijiet.

10/XII/1946.

---

Nifirħu bil-qalb kollha lil Monsinjur Professur Dun Pietru Pawl Saydon, President Onorarju tal-''Għaqda tal-Kittieba tal-Malti'', li dan l-aħħar kien maħtur bħala Kamrier Sigriet tal-Papa.

Il-Qdusija Tiegħu ma setax jagħmel għażla li togħġob aktar lill-Maltin. Il-Professur Saydon il-lum hu figura nazzjonali, maħbub u miqjum minn kulħadd għal għerfu, għal tjubitu u għall-ħidma tiegħu letterarja u edukativa.